**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**kontra**

**RAMSEY FARRUGIA**
**(ID: 265693(M))**

Kaz Nru.: 109/17

**Illum, 25 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Ramsey Farrugia, iben Joseph u Biance *nee'* Farrugia, mwieled il-Pieta', nhar it-13 ta' Gunju, 1993, residenti fil-fond numru 115, *Flat 2*, Triq San Duminku, l-Belt Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 265693M, senjatament akkuzat talli fis-26 ta' Frar, 2017, u fix-xhur ta' qabel, fir-Rabat, Malta, u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha

Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ittraffika, biegh, qassam, jew offra li jittraffika, jbiegh, jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
4. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta' persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni, mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta)[1] kif ukoll ai termini tas-subartikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta)[2], datati t-tnejn it-3 ta’ Lulju 2017, sabiex din il-kawża tinstema’ minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjoni ta’ kawzi u doveri datat it-28 ta’ Lulju 2021[3];

Rat li fl-udjenza tat-8 ta’ Novembru 2021 l-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tax-xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) **l-ispettur Jonathan Cassar li** ezebixxa l-evidence bag (Dok. JC) kontenenti sachet b’sustanza suspettata kokaina u bott tat-Tic Tac b’hames pilloli ta’ lewn blu suspettati ecstasy; stqarrija rrillaxata mill-qua imputat lill-pulizija (Dok. JC1) u dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali (Dok. JC2); (2) **PC560 Aaron Grech** li xehed li fil-lejl ta’ bejn is-26 u is-27 ta’ Frar 2017 il-pulizija kien qed jaghmlu searches gewwa l-Club Tattingers gewwa r-Rabat, Malta fejn ghall-habta tan-nofs siegha ta’ filghodu gew imwaqqfin tlett persuni gewwa t-toilets tal-istess stabbiliment, fosthom il-qua imputat Ramsey Farrugia. Jiddikjara li saret tfittxija fuq Farrugia minn PC101 mil-liema tfittxija rrizulta li l-istess Farrugia fil-bwiet tieghu kellu hames pilloli ta’ lewn blu f’pakkett tat-Tic Tak u sachet b’sustanza suspettata kokaina. In kontro-ezami

[1] Ara fol. 19 tal-atti processwali;
[2] Ara fol. 5 tal-atti processwali.
[3] Fol. 78 tal-atti processwali.

jikkonferma li flimkien mal-qua imputat gie arrestat ukoll certu Jean Claude Mercieca ghaliex instab fil-pussess ta' l-istess tip ta' pilloli f'ammont fermi kbar minn dak li kellu l-qua imputat; (3) **Profs. Sinagra**, li wara li gie mahtur bhala espert fuq talba tal-prosekuzzjoni bil-ghan li janalizza s-sustanza ezebieta f'Dok. JC, huwa kkonkluda li minn estratti mehuda mill-hames pilloli ta' lewn blu f'Dok JC instabejt is-sustanza MDMA filwaqt li mit-trab ta' lewn abjad mehud mill-istess Dok. JC instabet is-sustanza kokaina f'piz ta' ca 0.38g b'purita ta' circa 11%; (4**) PC101 Ruznai Gaffarena** li spjega li fil-lejl ta' bejn is-26 u is-27 ta' Frar 2017 kienu qed jaghmlu xi searches fi club Tattingers gewwa Rabat. Xi 00.30am nnotaw tlett persuni jidhlu t-toilets, morna warajhom u informajniehom li ha jsiru tfittxijiet. Wiehed minnhom identifika ruhu bhala Ramsey Farrugia li x-xhud identifika bhala l-imputat fl-awla. Mit-tfittxija li sarret fuq il-qua imputat instabu hames pilloli blu gewwa pakkett tat-Tic Tac f'idejn kif ukoll pakkett bi trab abjad fil-but tal-qalziet tieghu. Minn hemm il-qua imputat gie arrestat u mehud fil-kwartieri generali tal-pulizija; (5) **PS1163 Frans Schembri** li xehed dwar l-istqarrija u dikjarazzjoni ezebieti u mmarkati bhala Dok. JC1 u JC2. Huwa kkonferma li l-imputat kien gie offurt id-dritt ghall-assistenza legali qabel u waqt l-istqarrija madanakollu huwa kien irrifjuta dan l-istess dritt; (6) **Spettur Gabriel Micallef** li spjega li fis-26 ta' Frar 2017 il-pulizija ta' kontra d-droga arrestaw lil tlieta minn nies gewwa l-club Tattingers u wiehed minnhom kien il-qua imputat. Jikkonferma li l-qua imputat kien investigah huwa wara li ttiehed il-kwartieri generali tal-pulizija. Ikkonferma l-istqarrijiet irrilaxxati u ezebieti bhala JC1 u JC2.

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni il-qua imputat jinsab akkuzat bi traffikar u pussess aggravat tad-droga kokaina u ectasy kif ukoll li tali reati gew kommessi fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalemnt jiltaqghu z-zghazagh u dana gewwa Rabat, Malta u/jew xi bnadi ohra gewwa dan il-gzejjer <u>fis-26 ta' Frar 2017 u fix-xhur ta' qabel</u>.

Illi mix-xhieda ta' PC560 Aaron Grech kif ukoll mix-xhieda ta' PC101 Ruznai Gaffarena, cioe' l-pulizija li ghamlu t-tfittxijiet li wasslu ghall-arrest tal-imputat, jirrizulta li huma kien qed jaghmlu dawn l-ispezzjonijiet relatati mad-droga fil-Club Tattingers gewwa r-Rabat, Malta fil-lejl ta' bejn is-26 u is-27 ta' Frar 2017. It-tnejn li huma jikkonfermaw li l-qua imputat Ramsey Farrugia gie mwaqqaf ghall-habta ta' nofs siegha ta' filghodu. Ghaldaqstant <u>fin-nofs siegha ta' filghodu tas-27 ta' Frar 2017.</u>

Fix-xhieda tieghu l-ispettur Gabriel Micallef jghid li l-pulizija kienu ghaddew ghall-arrest tal-imputat fis-26 ta' Frar 2017 u mhux fis-27 ta' Frar 2017 hekk kif

spjegat minn PC560 u PC101 fix-xhieda taghhom. Madanakollu jinghad li l-verzjoni ta' dawn iz-zewgt ufficjali tal-Pulizija (PC560 u PC101) hija ukoll msahha bl-istqarrija tal-imputat ezebieta u mmarkata bhala Dok. JC1[4] li ttiehdet fis-27 ta' Frar 2017 fl-10.27hrs. F'din l-istqarrija l-istess Spett. Micallef isaqsi: "*Dal-lejl il-pulizija arrestawk wara li fil-pussess tijak instabu dawn il-pinnoli u dal-pakkett bi trab abjad. Dawn tijak dawn is-sustanzi?*" (emfazi tal-esponent). Dan jikkollabora dak ddikjarat minn PC560 u PC101 li l-qua imputat gie arrestat fil-lejl ta' bejn is-26 u is-27 ta' Frar.

Ghaldaqstant tenut kont ta' dan kif ukoll tenut kont tal-fatt li ma kienx l-ispettur Micallef li effettivament arresta lill-qua imputat, dina l-Qorti, ser tistrieh f'dan ir-rigward fuq it-testimonjanza taz-zewgt ufficjali tal-pulizija li ghamlu personalment it-tfittxija u l-arrest in kwistjoni. B'hekk qed jigi konkluz li hekk kif xehdu PC560 u PC101 t-tfittxija u l-arrest tal-qua imputat saru ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu tas-27 ta' Frar 2017.

**Minkejja li tfittxija u l-arrest saru fis-sieghat bikrin ta' 27 ta' Frar 2017, il-prosekuzzjoni akkuzat lill-qua imputat b'referenza ghas-26 ta' Frar 2017 u fix-xhur ta' qabel[5].** Minkejja t-testimonjanza ta' PC560 u PC 101, il-prosekuzzjoni baqghet qatt ma talbet korrezzjoni tac-citazzjoni.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, ilfatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

> *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin*

---

[4] Ammissibli fil-proceduri odjerni galadarba din ittiehdet wara li l-imputat nghata d-drittijiet kollha aspettanti lilu skond il-ligi nkluz id-dritt li jkun assistiet minn avukat jew prokuratur legali tal-fiducja waqt l-istqarrija.

[5] Ara c-citazzjoni a fol. 1 tal-atti processwali.

*indikat f'l-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab".* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u galadarba l-agir allegat mill-prosekuzzjoni ma jinkwadrax fil-parametri ta' zmien hekk kif impostulat fic-citazzjoni dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur